VASSALLI AND HIS TIMES A. CREMONA



saren sew fiż-żgħâr, kemm ukoll fil-kbâr, jaħkem bil-bosta tûl l-istaġun tad-dubbien. Bla l-ebda dubju, id-dubbien għandu tas-sew sehem kbir fit-tixrid tal-mard ta' l-imsaren bit-tniġġis tiegħu. Id-dubbien jista' wkoll iniġġes l-ikel tagħna bid-dud tal-mard tas-sider u jġorr miegħu wkoll f'għajnejna d-dud tal-mard tal-għajnejn.

Issa hu l-waqt li aħna nilqgħu ruħna mill-ħsarat li d-dubbien jista' jġib f'saħħitna, billi neqirdu kull dubbiena li tinsab ġewwa darna. La toqogħdux titnikkru fil-ħsieb li dejjem tiġikom żewġ, billi tittamaw li d-dubbien ma jagħmlilkom ebda deni. Iftakru illi hemm fin-nofs is-saħħa tagħkom u ta' wliedkom l-egħżież.

H.

## IL-GJUBLEW.

[TA' P. INDRÌ MINN BORMLA KAPP. 32 faċċ., 16mo 1925]

Ġie f'idejna dan il-ktieb żgħir bil-malti u għoġobna, l-ewwel nett għax jitħaddet tajjeb fuq ħaġa sabiħa u meħtieġa, u t-tieni għax miktub b'*ortografija tajba*.

Fuq ta' l-ewwel ma nsibux xi ngħidu ħlief nâtu prosit lill-Kittieb.

Fuq it-tieni: Għidna li miktub b'*ortografija tajba*, u hekk hu. Il-Kittieb għad illi l-alfabet ma ħux tagħna sa barra, mill-bqija mexa — kif kellu jimxi – mal-grammatka. Ma qabelx magħna fl-alfabet, paċenzja! hemm tajjeb li qabel magħna f'ħaġa aqwa qabel magħna fil-grammatka.

Patri Indrì hu wieħed minn dawk illi jgħożżu l-lsien malti u jħobbu jarawh miktub suret in-nies u dan narawh ukoll minn kif inhu miktub l-*Immaculata* li qiegħed f'idejh. Kien hemm bżonn li l-ġurnali u l-kotba l-oħra bħalu, ikunu jixbhuh billi jżommu f'kitbithom ORTOGRAFIJA WAĦDA.

Barra minn xi ħaġa żgħira 'lhawn u 'lhinn, l-ortografija ta' dan il-ktieb hi kollha kif titlob il-grammatka maltija u għalhekk aħna nifirħu b'qalbna kollha lill-Patri Indrì.

S.

# IL-GRAMMATKA MALTIJA FIĊ-ĊOKON.

*(Jissokta ma' la' qabel).*

## IL-GĦERQ TAL-KELMA
## —TISWIR U TUSIGĦ—

Il-kelma maltija hi mibnija fuq għerq ta' *TLIET KONSONANTI*.

Biex insibu l-għerq, inħarsu lejn il-*mamma*, jiġifieri lejn it-tielet persuna ta' ġens raġel, għadd wieħed tal-Verb fl-Imgħoddi u nieħdu l-konsonanti tiegħu KIF INHUMA WARA XULXIN.

Mill-kelma *qatel* (li hi l-*mamma* ta' dan il-verb) għandna l-għerq Q-T-L.

Il-Verb malti hu ta' tliet konsonanti ; iżda billi ġie li naraw *mamma* b'anqas jew b'iżjed minn tlieta għandna nitgħallmu li :

Il-Verb jista' jkun ta' SURA EWLENIJA jew ta' SURA MNISSLA.

Is-SURA EWLENIJA tista' tkun *SĦIĦA* (*qatel*=Q-T-L) jew *NIEQSA*. In-*NIEQSA* tinqasam f'ħamest irjus: 1. TOROX (*radd*=R-D-D). 2. MOĦFIJA (*târ*=T-(A)-R). 3. TAXXEBH (bl-ewwel konsonanti dgħajfa: *wiret* *W*-R-T). 4. TASSEW NEQSIN (bl-aħħar konsonanti dgħajfa: *tefa(j)*=T-F.*J*). 5. DGĦAJFA (b'żewġ konsonanti dgħajfa: *wera(j)*= *W*-R-*J*). (*)

Is-SURA MNISSLA hi dejjem ġejja minn sura oħra. Hemm tmienja: 1. Ta erba' konsonanti (dawn iktarx huma żewġ verbi ta' sura ewlenija, fil-Malti iktarx mitlufa,—minsuġin fl-imkien: *ferfer*=*ferer*=*ferr*=*fer*=*fer-fer* jew verbi ewlenin b'partiċella jew ittra oħra miżjuda=*masħar*=(*m*)*saħar*).

2. Li jtennu l-kons. tan-nofs: qabad=*qabbad*.
3. Li jbiddlu l-ewwel Vokali f'*â* jew *ie*: fehem=*fiehem*.
4. Li jżidu *n* fil-bidu: faraġ=*nfaraġ*.
5. ,, *t* ,, qarben=*tqarben*.
6. ,, *t* wara l-ewwel kons.: laqagħ=*ltaqagħ*.
7. ,, *st* mas-sura ta' l-Imperativ: qarr—*stqarr*.

(*) Il-*j* u l-*w* huma konsonanti dgħajfa.